**Bħallum disa' snin ilu**

Kif faqqgħet is-sajjetta malajr
Meta ħsibt li l-ħajti mhijiex għajr:
Ferħa wara l-oħra ta' tant ġmiel
Li mela lil fommi b'ħafna sliem!

Imma għalija tħejjiet ix-xibka
Spiċċajt interraq u bla rikba,
Kelli naqsam deżerti b'l-mod
Bil-pass tiegħi li beda jirtgħod.

"Tibżax! Issokta imxi 'l quddiem
Tbatijiet għandha ukoll tmiem,
l-importanti li tibqa' timxi
hekk żgur tirbaħ l-għaliex bqajt miexi!"

Kien dan il-leħen li farraġni
Qaddisni, begħdni mit-tustaġni,
Ta' min la jaf jaħfer lanqas jħenn
Aħseb u ara kemm hemm hu bla demm!

'mma l-ħniena rebħet fuq il-ħakkiem
Kollox suf sarlu għax ġie bla mkien,
Mela l-ħniena hija li tmexxi
Ħaddimha jekk trid li tirnexxi!

Għax ir-rota malajr taf iddur
Jispiċċa għad il-persektur,
U jogħla fil-ġieħ min ġie mwarrab
It-tbatija tiegħu għad twarrad!

Mela ħa naħdmu għalenija
B'hekk tiġi l-vera tgawdija,
Jitqanqlu bil-gzuz bosta sejħat
Il-Mulej ifejjaq il-ġerħat!

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Mejju 2021
Id-disa' anniversarju minn mindu l-Mulej fdieni minn mewta ċerta!

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.